**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**27 ta' Frar 2025**

**Rikors Numru 86/2024**

**Malcolm Falzon**

**Vs**

**Awtorita` ta' l-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Malcolm Falzon** ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *Illi l-esponent kien applika sabiex ikun jista' jpoġġi imwejjed u siġġijiet fuq il-bejt ta' class 4D snack bar u jistalla railing u taraġ u dan fi Triq il-Qaliet, Marsaskala MSK 3318.*

2. *Illi huwa rċieva ittra datata 8 ta' Awissu 2024 fejn ġie infurmat illi l-applikazzjoni tiegħu ġie rifjutata minħabba illi dak propost imur kontra OCA policy P5 li tipprojbixxi imwejjed u siġġijiet ma' kiosks. Kopja ta' din l-ittra qed tiġi annessa u mmarkata Dok A.*

3. *Illi l-esponent ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni u qiegħed jappella mill-istess quddiem dan it-Tribunal.*

4. *Illi in effetti għandu jirriżulta lil dan it-Tribunal illi s-sit in kwistjoni għal liema tirreferi l-applikazzjoni ta' l-esponent m'huwiex kiosk però huwa snack bar.*

5. *Illi jekk wieħed jara d-definizzjoni ta' gabbana u "snack bar" li joħorġu mill- Leġislazzjoni Sussidjarja 409.15 - Regolamenti Dwar Stabbilimenti li Jipprovdu Ikel. Hawn insibu s-segwenti definizzjonijiet:*

   *"gabbana" tfisser stabbiliment li jipprovdi ikel u li tkun aċċessibbli għall-pubbliku, sew jekk gabbana fissa sew gabbana f'post fiss, li jkollha bħala skop primarju l-bejgħ ta' ikel u, jew xorb li jiġu kkunsmati mhux fil-post skond standards imniżżla fis-Sitt Skeda;*

*"snack bar" tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel, aċċessibbli għall-pubbliku, li jkollu bħala skop primarju l-bejgħ ta' ikel għall-konsum fil-post jew f'post ieħor, abbażi ta' servizz fuq mejda jew bank, skond standards imniżżla fit-Tielet Skeda;*

*Illi, kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponent igawdi minn tlitt encroachments fuq is-sit in kwistjoni sabiex iżomm imwejjed u siġġijiet u umbrelel u dan dejjem bil-permess ta' l-Awtorita' intimata. Fil-fatt huwa għandu madwar erbgħin imwejjed u siġġijiet fissi fuq il-post u dan b'mod regolari bil-permessi relattivi.*

*Illi ma' dan ir-rikors qed jiġi esebit dokument li juri illi l-awtorita' intimata tat il-kunsens tagħha għal applikazzjoni oħra li għamel l-esponent biex ikabbar il-cold store taħt l-art, u jbiddel il-fond in kwistjoni minn wieħed ta' l-injam għal wieħed tal-concrete. Din qed tiġi immarkata Dok B.*

*Illi għalhekk il-fond in kwistjoni m'huwiex wieħed immirat primarjament għall-bejgħ ta' ikel 'take away' però għall-konsum ta' ikel fuq il-post fuq l-erbgħin imwejjed li hemm u dan, skont id-definizzjonijiet hawn fuq ċitata, irendi l-fond in kwistjoni 'snack bar' u mhux gabbana.*

*Illi konsegwentement il-projbizzjoni ta' OCA policy P5 ma tapplikax.*

*Illi finalment irid jingħad illi madwar Malta hemm numru ta' snack bars mikrija bl-istess mod mill-awtorita' intimata li applikaw għal permess simili u tali applikazzjoni ġiet milqugħa u dan ser jiġi ampjament ippruvaw f'dan il-proċeduri.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni ta' l-Awtorita' intimata kif kontenuta fl-ittra tat-8 ta' Awissu 2024 permezz ta' liema huwa ġie infurmat illi l-applikazzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jpoġġi imwejjed u siġġijiet fuq il-bejt ta' class 4D snack bar u jistalla railing u taraġ u dan fi Triq il-Qaliet, Marsaskala MSK 3318 ġiet rifjutata.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fit-3 ta' Settembru 2024 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' Malcolm Falzon detentur tal-karta tal-identità bin-numru 116569M, reġistrat fil-Qrati tal-Ġustizzja (Malta) nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024).*

2. *Illi r-rikorrent permezz ta' applikazzjoni, bin-numru ta' referenza GLA12/2024/0170 applika għall "Proposed placing of tables chairs and umbrellas over approved Class 4D Snack Bar which includes also installation of railing and access stairs. – Outdoor Catering Areas".*

3. *Illi b'deċiżjoni tat-tmienja (08) ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), (dokument hawn anness u mmarkat bhala "**DOK A**"), l- Awtorità tal-Artijiet iddeċidiet illi:*
   *"The Lands Authority is hereby refusing the request for a concession by encroachment, as per Article 31 (g)(H) of Chapter 573 of the Laws of Malta, for the following reasons.*

- *The proposed extension to the OCA is contiguous to a Kiosk and therefore runs counter to OCA policy P5 which expressly prohibits tables and chairs related to kiosks".*

4. *Illi l-applikant ħassu aggravat u interpona dan l-appell.*

*Fatti*

1. *Illi kuntrarjament għal dak li r-rikorrenti jirrileva, d-deċizjoni tar-rifjut tal- Awtorità tal-Artijiet, ma hix waħda nulla u dan għaliex appuntu ssemmi r-raġunijiet dettaljati u l-argumentazzjoni għaliex it-talba tar-rikorrent ġiet miċħuda, hekk kif inhu kwotata iktar 'l fuq.*

2. *Illi primarjament s-sit in kwistjoni huwa mogħti lir-rikorrent fuq enfitewsi temporanja sabiex fuqu jkun jista' jagħmel "kiosk" u mhux "snack bar", hekk kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors u għalhekk l-Outdoor Catering Areas on Public Open Space (OCA) Policy hija applikabbli għal-każ in ezami.*

3. *Illi in ogno caso hekk kif joħrog mill-istess Outdoor Catering Areas on Public Open Space (OCA) Policy "catering establishment refers to a bar, kiosk, restaurant, snack bar, canteen, cafeteria and takeaway, as well as any development typology that contains an approved catering function.". (Ara dokument hawn anness u mmarkat bħala "**DOK B**"- paġni relevanti: paġni 10-11).*

4. *Illi ukoll l-istess Policy tagħti tifsira ta "kiosk" u tgħid illi "kiosk refers to **<u>all</u>** types of kiosks, be they merely small food stalls, kiosks that are permanently fixed to a particular site, mobile kiosks occupying a fixed space on a permanent basis, or mobile hawkers." (enfażi miżjuda mill-esponenti).*

5. *Illi is-Sezzjoni P5 tal-istess Policy taqra: (Ara dokument hawn anness u mmarkat bħala "**DOK B**"- paġna 18):*
   *"P5 Allowable Outdoor Catering Areas in public open spaces*
   *(a) Squares, gardens or jetties or similar public space typologies.*
   *In the case of squares, gardens, jetties or similar public space typologies, the permitting Authorities shall review and assess the requests for outdoor catering areas on a case-by case basis, provided that these shall be expressly prohibited from public beaches.*
   *(b) Promenades or belvedere.*
   *All the areas reserved for outdoor catering shall be limited to half the width of a promenade or belvedere. Outdoor Catering Areas on promenades or belvedere shall comply with Figure 2.*
   ***In all areas, Outdoor Catering Areas which are contiguous and related to Kiosks shall be expressly prohibited."** (enfażi miżjuda mill-esponenti).*

6. *Illi d-dokument hawn anness u mmarkat bħala "**DOK B**"- paġna 8, jgħid illi*
   ***"In all areas however, Outdoor Catering Areas contiguous and related to Kiosks shall be expressly prohibited."**.*

7. *Illi hekk kif qal ir-rikorrent, huwa minnu li kien hemm applikazzjonijiet oħra imma dawn ma kienux kollha GLA applications.*

8. *Illi l-applikant għamel total ta ħames (5) applikazzjonijiet, li minnhom waħda (1) ġiet aċettata, tnejn (2) ġew rifjutati u tnejn (2) oħra għadhom fil-proċess li jinħadmu. Ara dokument hawn anness u mmarkat bhala "**DOK C**".*

9. *Illi dik l-applikazzjoni li ġiet aċċettata kienet PLA application- "to sanction alrernations.." u l-applikazzjoni l-oħra li ġiet rifjutata li ukoll kienet PLA kienet "proposed placing of tables, charis and umbrellas", (apparti dik li fuqha qed isir dan l-appell), hekk kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala "**DOK C**".*

10. *Illi r-rikorreont qed jipproponi li jitqiegħed aktar imwejjed u siġġijiet madwar il-kiosk.*

11. *Illi dan jikser l-OCA Policy P5 hawn fuq imsemmija illi tgħid illi fiż-żoni kollha, li huma kontigwi u relatati ma' kiosks għandhom ikunu espressament ipprojbiti.*

12. *Illi l-planning policies rilevanti, attwali u relatati mal-Outdoor Catering Areas jinkludu Sezzjoni 5 fi ħdan il-Policy Document Development Control Guidance: Kiosks (1994). Ara dokument hawn anness u mmarkat bħala "**DOK B**"- paġna 12-13 u dokument hawn anness u mmarkat bhala "**DOK D**", aċċessibbli minn fuq is-sit tal- Awtorità tal-Ippjanar ([https://www.pa.org.mt](https://www.pa.org.mt)).*

13. *Illi a bazi ta dan kollu, min fuq li r-rikorrenti għandu titlu prekarju, l-istess rikorrenti mhux darba jew tnejn poġġa strutturi b'mod illegali fuq art tal-gvern.*

14. *Illi għar-rigward il-permessi tal-esponenti l-Awtorità intimata tirrileva illi minkejja li r-rikorrenti għandu l-permessi, kien hemm diversi okkazjonijiet fejn huwa kiser l-istess permess, u kellhom jiżżarmaw dawk l-istrutturi li kienu bla permess. Illi referenza dwar dan tista' ssir mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala "**DOK E**" u "**DOK F**", fejn anka r-rikorrenti stess jammetti li għamel strutturi illegali.*

15. *Illi dan apparti n-numru ta' ilmenti min nies u pubbliku in ġenerali, li kien hemm fuq l-istess rikorrenti minħabba abbuż, fuq l-art in kwistjoni.*

16. *Illi referenza qed ssir ghal Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta artiklu 9(1) illi jaqra : "L-awtorità kompetenti tista' tordna l-iżgumbrament ta' kull persuna minn kull art u t-tneħħija minn hemm ta' kull oġġett mobbli, meta: (b) tkun mogħtija b'encroachment, b'tolleranza jew b'titolu prekarju;".*

17. *Illi dan isaħħah il-fatt ili l-ownership huwa sħiħ tal-gvern f'dawk il-kazijiet li l-art tkun mogħtija b'encroachment, b'tolleranza jew b'titolu prekarju u għalhekk l-istess gvern jista' jieħu lura l-art meta hekk ikun il-bżonn.*

18. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-fatt illi l-Awtorità intimata tat kunsens għall-applikazzjoni ma jfissirx illi hija obligata tagħti l-kunsens lill-istess persuna meta l-istess persuna tagħmel iktar minn applikazzjoni waħda.*

19. *Illi bid-dovut rispett minkejja li r-rikorrent isemmi postijiet oħra, l-Awtorità intimata tirrileva illi ma jistgħax isir comperative analysis ma dawn is-siti differenti u dan*

*għaliex kull lokalita' jew sit jista' tkun milquta minn policies jew inkella masterplans differenti li jirrigwardaw is-sit jew lok in kwistjoni.*

20. *Illi referenza ukoll issir għal Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta artiklu 7(2) illi jaqra: "(2) Bla ħsara għal xi setgħa jew funzjoni oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, għandha tkun il-funzjoni tal- Awtorità:*
    *(ċ) li tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi".*

21. *Illi fuq l-art in kwistjoni jezisti interess li ma jkomplix jitnaqqas l-ispazju pubbliku.*

22. *Illi referenza qed issir ukoll ghal-rikors Numru 68/20 fl-ismijiet **"Sharon Borg Vs L-Awtorita` tal-Artijiet**"[1] fejn jinghad "Dan ifisser li d-diskrezzjoni li trid tezercita meta tigi biex tiddetermina talba bhal dik odjerna hija li tara jekk b'dak mitlub hux se jsir l-ahjar uzu mill-art pubblika. Kwindi taghmel sewwa li biex tasal ghad-decizjoni taghha l-Awtorita` intimata tikkonsulta mal-Awtorita` responsabbli mis-sigurta` fit-toroq u tiehu l-veduti taghha. Illi jirrizulta illi fil-kaz in ezami dan huwa proprjament li sar.".*

### *Bonus paterfamilias*

1. *Illi l-Awtorità' tal-Artijiet għandha l-irwol u obbligu li tamministra l-art tal-Gvern bl-aħjar mod possibli u għandha taġixxi bħala bonus paterfamilias u dawn id-dmirijiet u obbligazzjonijiet huma naxxenti mill-liġi u proprju Artiklu 7 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta u Artiklu 3 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi huwa l-irwol tal-Awtorità ai termini tal-liġi suċitata li tassigura li jsir l-aħjar użu tal-art pubblika inkluż dik odjerna, u dan skont iċ-ċirkostanzi kemm tal-art partikolari u kif ukoll tal-ħtiġijiet tal-pubbliku u dan f'sintonija ma' dak li jrid il-Kapitolu 563 ossia ukoll id-dmir tal-Gvern li jottimizza r-riżorsa tal-art mhux biss għal xi skop solitarju, kif qed tipprova tindika r-rikorrenti bit-talba tagħha, iżda ukoll għall-iżvilupp soċjali b'mod ħolistiku.*

3. *Illi b'riferenza għal- "John Dalli (K.I. 851948M) u Louisa Dalli (K.I. 329581M) ('l-appellanti') vs. L-Awtorità tal-Artijiet" deċiża nhar it-tletin (30) ta' Novembru, tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), il-Qorti tal-Appell qalet "Hija prerogattiva tal-Awtorità tal-Artijiet bħala amministratriċi tal-art pubblika, li tara kif tista' timmassimizza l-benefiċċju u l-użu tal-art pubblika, anki sabiex taqdi l-obbligu l-ieħor impost fuqha li tamministra l-art pubblika bħala bonus paterfamilias.".*

4. *Illi għalhekk tenut kont ta' dan kollu u tal-provi li ser jiġu mressqa, l-Awtorità tal-Artijiet kienet ġusta meta caħdet l-applikazzjoni tar-rikorrent.*

---

[1] Deċiża mit-Tribunal Ta' Revizjoni Amministrattiva nhar l-4 ta' Marzu 2021.

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a formali konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal, u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smiegħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex **<u>jiċħad</u>** l-aggravji kollha u t-talba tal-appellant u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet li tiċħad l-applikazzjoni GLA12/2024/0170 meħuda nhar it-tmienja (08) ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), stante l-fatt li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità hija:*

*a) waħda ġusta fil-forma u fis-sustanza;*
*b) waħda li ġiet meħuda wara li ġew ikkunsidrati numru ta' fatturi relevanti;*
*c) waħda li tinkludi raġuni skont il-prinċipju amministrattiv stabbilit, "the duty to give reason";*
*d) waħda li kienet fil-limiti tad-diskrezzjoni tal-istess Awtorità.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 8 ta' Awwissu 2024 li permezz tagħha ġie nfurmat illi l-applikazzjoni tiegħu sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet fuq il-bejt ta' Class 4D *snack bar* u jinstalla *railing* u taraġ kienet ġiet rifjutata għas-segwenti raġuni, u ċioe`:

***a) The proposed extension to the OCA is contiguous to a Kiosk, and therefore runs counter to OCA policy P5 which expressly prohibits tables and chairs related to kiosks***

Illi mill-provi jirriżulta illi permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Marzu 2008, l-Awtorita` intimata kkonċediet *plot* lir-rikorrent b'titolu ta' ċens temporanju u dan sabiex fuq l-istess *plot* jibni *kiosk.* Fuq dan il-kuntratt pero` ġiet eskluża l-arja ta' fuq l-istess *kiosk.*[2]

Mill-*case officer report* esebit a fol. 60 jirriżulta illi r-rikorrenti, apparti l-konċessjoni msemmija iktar `il fuq, ingħata tliet (3) konċessjonijiet oħra ta' *encroachment* sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet u wkoll konċessjoni oħra għal użu ta' *basement* u dan kif jirriżulta aħjar minn *site plan* a fol. 68 u 130 tal-proċess.

---

[2] Dokument DA1 a fol. 122

Illi għalhekk ir-rikorrent jikkontendi li bil-konċessjonijiet tagħha l-Awtorita` intimata aċċettat li l-post ma jibqax jiġi meqjus bħala *kiosk* iżda bħala *snack bar* u għaldaqstant ma setgħetx tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu abbażi tal-fatt li ma tista' tagħti konċessjoni għal imwejjed u siġġijiet ma' *kiosk*.

**Ikkunsidra:**

Illi l-fulkru ta' dan l-appell idur mal-fatt jekk l-Awtorita` intimata kinitx korretta meta qieset l-istabbiliment ġestit mir-rikorrent bħala "*kiosk*" u mhux "*snack bar*".

Kif jirriżulta mill-atti, fis-6 ta' Marzu 2008 ir-rikorrent kien ġie konċess ċens temporanju fuq biċċa art pubblika ġewwa Wied il-Għajn għal perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena sabiex fuq l-istess *plot* jibni *kiosk*. Ftit xhur wara, u ċioe` fl-1 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrent kien ġie konċess tliet *encroachments* fuq art pubblika kontigwa għall-imsemmi *kiosk* sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet.[3] Illi ta' min jirrileva illi dawn l-*encroachments* kienu ngħataw lir-rikorrent qabel daħlet *in vigore* l-*Policy, Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Space* magħrufa aħjar bħala l-OCA Policy, liema *policy* kienet ġiet maqbula fl-2016 bejn erba' entitajiet governattivi, u ċioe`d-Dipartiment tal-Artijiet, l-Awtorita` tal-Ippjanar, l-Awtorita` tat-Turiżmu u l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta.

Illi fl-2021 ir-rikorrent kiseb ukoll l-approvazzjoni tal-Awtorita` intimata sabiex jipproċedi mal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jiġu sanzjonati għadd ta' alterazzjonijiet li saru fuq is-sit in kwistjoni, fosthom *stores, toilets* u skavar ta' *cold store*. Fl-istess approvazzjoni l-Awtorita` intimata tat il-kunsens tagħha biex ir-rikorrent japplika mal-Awtorita` tal-Ippjanar biex jirrimpjazza l-*kiosk* eżistenti minn wieħed tal-injam għal wieħed tal-*concrete*.

Illi għalhekk l-argument tar-rikorrent huwa li l-Awtorita` intimata, maż-żmien tat l-approvazzjoni tagħha sabiex minn dak li oriġinarjament kien intiż bħala *kiosk* jiġi konvertit għal *snack bar*. Kwindi, r-rikorrent jisħaq illi allura l-istess Awtorita` ma setgħetx issa tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu biex ipoġġi mwejjed u siġġijiet fuq l-imsemmi stabbiliment u dan stante li l-istess stabbiliment ma għadux *kiosk* u kwindi l-OCA Policy P5 ma tapplikax.

Illi min-naħa l-oħra, l-Awtorita` intimata tisħaq illi dak konċess minnha b'titolu ta' ċens temporanju kien biss sit biex jinbena *kiosk*. Kwindi hija ssostni li kienet korretta meta rrifjutat it-talba tar-rikorrent stante li l-OCA Policy P5 tgħid *"In all*

---

[3] Ara pjanta esebita a fol. 88

*cases, Outdoor Catering Areas contiguous and related to Kiosks shall be expressly prohibited".*

Illi t-Tribunal jirrileva illi skont id-definizzjoni mogħtija mir-Regolamenti Dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel (L.S. 409.15) **"snack bar"** tfisser ***" stabbiliment li jipprovdi l-ikel, accessibbli ghall-pubbliku, li jkollu bhala skop primarju l-bejgh ta' ikel ghall-konsum fil-post jew f'post iehor, abbazi ta' servizz fuq mejda jew bank, skond standards imnizzla fit-Tielet Skeda"*** Min-naħa l-oħra **"gabbana"** tfisser ***"stabbiliment li jipprovdi ikel u li tkun aċċessibbli għall-pubbliku, sew jekk gabbana fissa sew gabbana f'post fiss, li jkollha bħala skop primarju l-bejgħ ta' ikel u, jew xorb li jiġu kkunsmati mhux fil-post skond standards imniżżla fis-Sitt Skeda."***

Illi min-naħa l-oħra, skont l-OCA Policy *"**kiosk refers to all types of kiosks, be they merely small food stalls, kiosks that are permanently fixed to a particular site, mobile kiosks occupying a fixed space on a permanent basis, or mobile hawkers."***

Illi t-Tribunal eżamina l-pjanta tal-konċessjonijiet li hemm favur ir-rikorrent mill-Awtorita` intimata u li ġiet esebita a fol. 130. Minn din il-pjanta jirriżulta illi l-*area* tal-*kiosk* konċess b'titolu ta' ċens temporanju hija ta' 18.30 metru kwadru, filwaqt li l-*encroachments* fil-livell tat-triq jammontaw komplessivament għal 117 metri kwadri filwaqt li l-*encroachment* taħt il-livell tat-triq huwa ta' 109 metri kwadri. Kwindi l-*area* konċessa lir-rikorrent bid-diversi *encroachments* hija bil-wisq ikbar minn dak konċess lilu b'ċens temporanju.

Illi jirriżulta li minkejja li fl-2016 daħlet *in vigore* l-OCA Policy, l-Awtorita` intimata baqgħat xorta ġġedded l-*encroachments* għat-tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet madwar il-*kiosk*, anke jekk dawn ma kinux in linea mal-istess *policy*. Issa, bl-applikazzjoni preżenti, ir-rikorrent irid li jespandi l-operat tiegħu għal fuq il-bejt tal-*kiosk* konċess lilu.

Illi huwa ċar li skont il-kuntratt tal-2006 l-arja ta' fuq il-*kiosk* kienet ġiet eskluża mill-għotja taċ-ċens temporanju, tant illi kien ipprojbit kwalunkwe installar ta' tankijiet tal-ilma, *antennae/satellite dishes* jew kwalunkwe apparat ieħor.

Illi kwindi, indipendentement minn jekk dak li qed jiġġestixxi r-rikorrent huwiex *snack bar* jew *kiosk*, skont l-imsemmi kuntratt, ir-rikorrent, bil-kuntratt kif inhu, ma jista' jagħmel ebda tip ta' żvilupp jew jagħmel xi installazzjoni ta' xi apparat fuq l-imsemmi bejt.

Illi pero` din ma kinitx ir-raġuni li tat l-Awtorita` intimata għar-rifjut tagħha, pero` għażlet li torbot l-istess rifjut mal-OCA Policy.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, minkejja li l-predeċessur tal-Awtorita` intimata u l-istess Awtorita` kkonċedew lir-rikorrent diversi *encroachments,* fosthom li jpoġġi mwejjed u siġġijiet madwar il-binja minn fejn huwa jiġġestixxi n-negozju tiegħu, ma jirriżultax illi l-istess Awtorita` f'xi mument bidlet it-termini tal-kuntratt ta' enfitewsi temporanja konċessa fl-2006. Kwindi dak li jistipula l-istess kuntratt għadu jorbot liż-żewġ partijiet. Illi fil-fehma tat-Tribunal il-fatt li l-predeċessur tal-Awtorita` intimata ta permess lir-rikorrent biex ipoġġi mwejjed u siġġijiet mal-kiosk tiegħu bl-ebda mod ma ġab xi rinunzja da parti tal-istess predeċessur li dak li bena r-rikorrent m'għandux jitqies iktar bħala *kiosk*. Jekk ir-rikorrent biddel in-natura tal-fond intiż bħala *kiosk* dan għamlu mingħajr ebda kunsens tal-Awtorita` intimata. Kwindi kienet korretta l-Awtorita` intimata meta kkunsidrat illi dak li qiegħed jiġġestixxi r-rikorrent huwa fil-fatt *kiosk*. *Del resto*, dan it-Tribunal ma ġie fornit bl-ebda prova kwalunkwe illi fil-fatt l-istess stabbiliment huwa liċenzjat bħala *snack bar* mal-Awtorita` tat-Turiżmu. Pero` anke li kieku dan huwa l-każ, xorta waħda dan ma jbiddel xejn mir-relazzjoni kuntrattwali tiegħu mal-Awtorita` intimata.

Illi għalhekk fil-fehma tat-Tribunal huwa ċar illi dak li ġie konċess lir-rikorrent kien biss dritt li jibni *kiosk* u mhux li jikkonverti l-istess *kiosk* fi *snack bar*. Illi t-Tribunal ħa kont tal-fatti msemmija mir-rikorrent fl-affidavit tiegħu dwar konċessjonijiet lil terżi fejn ġie permess lilhom li jpoġġu mwejjed, siġġijiet u umbrellel fuq is-saqaf ta' stabbiliment mibni fuq art pubblika. Minn qari tal-kuntratt ta' dawn it-terżi esebit a fol. 142 tal-proċess jirriżulta illi l-istess terżi ġew ipprojbiti milli jagħmlu xi strutturi jew servizzi fuq il-bejt tal-istrutturi mibnija fuq l-art mogħtija b'ċens temporanju. It-Tribunal, wara li ra r-ritratti esebiti mir-rikorrent a fol. 98 sa 105 ma jistax jgħid b'ċertezza jekk qiegħedx isir ksur tat-termini tal-kuntratt ta' enfitewsi konċessa lil dawn it-terżi peress li m'għandux l-istampa kollha tan-negozjati li setgħu saru mat-terż li ġie konċess iċ-ċens temporanju fuq l-art pubblika ġewwa Tas-Sliema/Ġżira. It-Tribunal se joqgħod lura wkoll milli jesprimi ruħu fir-rigward tal-istess terż, kemm għaliex mhux parti fil-kawża, u kif ukoll f'każ ta' eventwali proċeduri quddiem dan it-Tribunal konċernanti l-istess konċessjoni.

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-Awtorita` intimata biex waslet għad-deċiżjoni tagħha kienu raġjonevoli u bażati kemm fuq dak konċess permezz tal-kuntratt tal-2008 u kif ukoll fuq *policy* li ġiet maqbula fl-2016 ma' numru ta' entitajiet governattivi oħra, liema *policy* tipprojbixxi illi jiġu konċessi xi drittijiet lil min jiġġestixxi *kiosk* biex ipoġġi xi mwejjed u siġġijiet viċin l-istess *kiosk*.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-aggravji tar-rikorrent u konsegwentement jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**